Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 22**

**Data:** L-Erbgħa 18 t' Ottubru 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Online**
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Chev. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**22.1 Ittri ta' apoloġiji**

22.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, Chev Paul Farrugia u Is-Sur Clifford Galea Vella talbu li jknu skużati minħabba impenji relatati ma' xogħol jew affarjiet personali oħrajn.

22.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżlu bħala skużati.

22.1.3 Il-President semma li s-Sur Steven Axisa talab li jidħol online peress li ma setax jattendi fiżikament.

**22.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.21**

22.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

22.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Max Zammit, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**22.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 22**

22.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Sultana u mis-Sur Sandro Azzopardi, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-19 ta' Settembru 2023 u 19 t' Ottubru 2023 li kienet tammonta għall-€60,187.34.

**22.4 Komunikazzjonmi mill-President**

| | |
|---|---|
| **22.4.1 Laqgħa EWA** | Il-President semma li saret laqgħa mal-EWA u fiha kienu diskussi skemi residenzjali ta' parkeġġi. Il-President semma li l-Kunsilli Lokali intressati kienu ser jagħddu l-proposti tagħhom lill-Assoċjazzjoni sabiex jitpoġġew għad-diskussjoni mal-Awtoritajiet. |
| **22.4.2 Laqgħa LANDS** | Il-President semma li kienet inżammet laqgħa mal-Awtorita' tal-Artijiet fil-preżenza tad-Direttur għall-Gvern Lokali responsabbli mid-devoluzzjoni. Semma li ltaqgħu proposti li tresqu mill-AKL sabiex tkun iffaċilitat il-proċess li bih il-Kunsilli |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

japplikaw għad-devoluzzjoni ta' artijiet partikolari. Semma wkoll li Kunsill jista' jitlob aktra minn devoluzzjoni ta' sit wieħed sussegwentament.

**22.4.3 Residenti milquta' mill-problema tal-Hoarding**

Il-President semma li kien hemm laqgħa rigward support li ser jingħata lill-persuni li jkunu qed jaffaċjaw l-isfida tal-Hoarding. Semma li bħala Kunsilli xtaqu li jikkollaboraw ukoll sabiex jiffaċilitaw il-permessi sabiex jingħalqu toroq jew permess għall-skips waqt li jkun qed isir tindif fid-djar.
Il-President semma li huwa talab li aktar komunikazzjoni minn dawn l-entiatjiet issir mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għaliex l-Assoċjazzjoni ma tistax tobbliga lill-Kunsilli Lokali sabiex jagħtu din l-assistenza fejn ikun meħtieġ.

**22.4.4 Laqgħa Ministerjali – Kollettur ta' Skart**

Il-President semma li huwa kien preżenti għal-laqgħa Ministerjali li saret mal-kolletturi li jiġbru l-iskart. Semma li kienet laqgħa fejn ġew indirizzati diversi sfidi li l-kolletturi qed ikollhom sabiex jagħtu servizz fosthom in-nuqqas ta' ħaddiema li huma disponibbli u li jriu jaħdmu f' dan is-settur.

**22.4.5 Slow Streets Project**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kellha laqgħat mal-Kunsilli Lokali tal-Gżira, Sliema u San Ġiljan biex potenzjalment tinbeda l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

**22.4.6 LC Care**

Il-President semma li attenda għal-laqgħa rigward LC Care organizzata mill-Ministeru għall-Ħarsien u l-Protezzjoni tal-Annimali. Semma li kien hemm xeqa li dawn il-fondi din id-darba jindirizzaw proġetti infrastrutturali li għandhom x' jaqsmu mas-suġġett.

**22.4.7 Business Disability Forum**

Il-President semma li kienet saret laqgħa oħra ta' dan il-Forum u li għaliha attendiet is-segretarju Eżekuttiv. Semma li s-suġġett kien l-aċċessibbilita' tal-websites għall-persuni b' diżabbilita'. Semma li bħala Assoċjazzjoni diġa bdew jaħdmu mal-Web Designer sabiex is-site tal-Assoċjazzjoni tkun aċċessibbli.

**22.4.8 MCESD**

Il-President semma li kellu laqgħa mal-Perit Xuereb, Chairperson MCESD. Semma li kienet laqgħa produttiva u li ser ikunu qed jiltaqgħu kull tliet xhur.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **22.4.9 FITA** | Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-FITA sabiex wieħed jassigura dak li dak li kien hemm ftehim li ser jibda jiġi implimentt mal-Kunsilli Lokali qiegħed jiġi atwat. |
| **22.4.10 ERA** | Il-President semma li li ġie lest il-Pjan ta' Kwalita' ta' Arja aħjar li għal dawnil-laqgħat organizzati mil-ERA kien qed jattendi huwa. |
| **22.4.11 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-Presidet semma li għaddejjin il-laqgħat u waslu fil-fażi finali sabiex il-ftehim jiġi konkluż. Semma li IRU fi ħdan l-OPM qed jaħdmu fuq il-pakkett finanzjarju. |
| **22.4.12 MIEMA** | Il-President semma li ser ikun qed jiġi organizzat seminar mil-MIEMA b' kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex jingħataw tagħrif fuq proġetti li r-Reġjuni u Kunsilli Lokali jistgħu jissieħbu fihom. |
| **22.4.13 Bus Shelters** | Il-President semma li kienu qed jitolbu statistika u ilhom jistennew informazzjoni minn TM u Malta Public Transport ta' numru ta' passiġġieri li jużaw il-Bus Shelter. |
| **22.4.14 Merchandise** | Il-President semma li saru diversi laqgħat ma' kumpaniji tal-merchandise u l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tordna xi affarjiet bil-logo tal-Assoċjazzjoni. Semma li ser jibdew ukoll jiġu ordnati l-affarjiet tal-Milied. |
| **22.4.15 ELDW** | Il-President semma li għal darb'oħra ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni sabiex l-Assoċjazzjoni tingħata t-titlu ta' ELDW National Coordinator. |
| **22.4.16 Kors tal-Customer Care** | Il-President semma li saru l-korsijiet tal-Customer Care kemm f' Malta u kemm f' Għawdex. Semm li dawn ser jiġu repetuti skond il-ħtieġa peress li l-ħaddiema klerikali mhux kollha jkunu jistgħu jattendu f' daqqa. |
| **22.4.17 Focus Europe** | Il-President semma li kien hemm laqgħa ma' Focus Europe sabiex l-Assoċjazzjoni tkun tista' tikkollabora fi proġetti ma' |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

partners mill-Italja. Il-President semma li għal dan l-Assoċjazzjoni trid tħallas membership ta' madwar €2,500.
Is-Sur Aquilina semma li fil-każ tar-Reġjuni dan ix-xogħol jagħmluh l-Uffiċjali Maniġerjali.
Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva li l-Assoċjazzjoni għandha tissieħeb.

**22.4.18 Waste Management**

Il-President semma li saret laqgħa nhar 6 t' Ottubru organizzata mir-Reġjun Lvant fuq l-immaniġjar tal-iskart. Il-President irringrazzja lir-Reġjun ta' l-inizjattiva.
Is-Sur Sandro Azzopardi semma li xtaq li jkun hemm preżenti stakeholders oħrajn bħal MTA għall-aktra diskussjoni.

**22.4.19 INDIS**

Il-President semma li saret laqgħa mal-INDIS peress li kien hemm bdil fil-management sabiex jitkompli il-proċess ta' kera fit-tul għall-binja tal-Assoċjazzjoni.

**22.4.20 Laqgħa ERA**

Il-President semma li saret laqgħa mal-ERA sabiex jiġu disussi ċirkustanzi rrapurtati kemm mir-Reġjun Punent ta' multi lill-kuntratturi kif ukoll mir-Reġjun Port ta' nuqqas ta' infurzar.
Semma li kien hemm diskussjoni sabiex mal-ġabra tas-Sibt jiġu mnadfa it-toroq.

**22.4.21 Wasteserv**

Il-President semma li d-Diviżjoni għadu qed jara l-proċessi mal-Wasteserv sabiex jiġu mħalsa kontijiet pendenti kemm mir-Reġjuni kif ukoll mill-Wasteserv.

**22.4.22 Doninu**

Il-President semma li kien hemm laqgħa wkoll ma' Doninu li jidher li hija organizazzjoni li taħdem fil-qasam soċjal. Semma li huwa ser iħalli lil kull Kunsill Lokali sabiex jara hu kif jixtieq jikkopera magħhom.

**22.4.23 ANSEK**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-ANSEK sabiex flimkien wieħed jara aktra mill-qrib l-isfidi li għaddejjin minnhom il-Kunsilli u kif l-amministrattiv qed ikun affetwat jew li jista' jagħti sehmu aħjar.

**22.4.24 Laqgħa mal-Pulizija rigward AEDs**

Il-President semma li kien hemm talba mil-korp tal-Pulizija sabiex jinxtraw AEDs għal korp sabiex jintużaw fil-pubbliku.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **22.4.25 Tribunal Industrijali Każ ex-Segretarju Eżekuttiv AKL** | Il-President semma li fl-aħħar wara numru ta' snin il-każ inqata' mit-Tribunal u inqata' favur l-Assoċjazzjoni fejn l-AKL kellha tħallas biss dak li kien dovut bħala ħlas ta' notice lis-Sa. Testaferrata De Noto. Il-President semma li ċ-ċekk għadda b' mod immedjat ill-avukat sabiex ikun jista' jibgħatu lis-Sa. Testaferrata De Noto b' mod immedjat. |
| **22.4.26 Monitoring Visit mill-Kunsill Ewropew** | Il-President semma li mis-7 sa 9 ta' Novembru ser ikun hemm Monitoring Visit mill-Kunsill Ewropew. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiltaqa' magħhom nhar 7 ta' Novembru fid-9am. |
| **22.4.27 UNDP** | Il-President semma li ġejja delegazzjoni mill-Macedonia mil-1 sa 4 ta' Novembru. Semma li bħala Assoċjazzjoni ser ikunu qed jikkordinaw ż-żjara tagħhom kollha. Semma li riedu persuna sabiex tikkordina u ġiet innominata s-Segretarju Eżekuttiv. Semma li l-Assoċjazzjon itrid tipprepara wkoll rapport finali. Wara l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiġi mħalsa madwar €2,500 mill-UNDP. |
| **22.4.28 CWSF** | Il-President semma li kien iffirmat il-kuntratt tal-ħaddiema tal-iskema CWSF. |
| **22.4.29 KPMG** | Il-President semma li saret intervista mal-KPMG li qed jagħmlu studju għan-nom ta' Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex tiġi analizzata l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-Gvern Lokali. |
| **22.4.30 Cities and Regions Forum** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna biex tieħu sehem f' dan il-forum li ser jinżamm Brussel bejn 29 ta' Novembru u 1 ta' Diċembru. |
| **22.4.31 Mental Health First Aid** | Il-President semma li ngabru kwotazzjonijiet abiex isir kors ieħor tal-Mental First Aid. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jesmond Aquilina, l-Eżekuttiv qabel li fil-bidu tas-sena 2024 jinżamm dan it-taħriġ. |
| **22.4.32 Eko-Skola** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkollabora ma' Eko Skola u Nature Trust sabiex titella' l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Awards għall-Green Flag u Sustianable Mobility Plan. |
| **22.4.33 CEMR** | Il-President semma li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser ikunu qed jattendu l-Laqgħa Ġenerali Annwali għad-Diretturi, |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Presidenti u Kapijiet Eżekuttivi tal-Assoċjazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

**20.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2023**

20.5.1 Il-President preżenta r-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2023.

20.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport Finanzjarju.

**22.6 Aġġornament**

22.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tminja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.23 li nżammet nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**